IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2014
COM(2014) 407 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Estonja għall-2014

u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà tal-Estonja għall-2014

{SWD(2014) 407 final}

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Estonja għall-2014

u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà tal-Estonja għall-2014

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) U 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea[2],

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew[3],

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi mnedija strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki tal-ekonomija, li tiffoka fuq il-punti ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni sabiex jissaħħaħ il-potenzjal tal-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi għall-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri, li flimkien jiffurmaw il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri kienu mistiedna sabiex jikkunsidraw il-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tagħhom.

(3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddeċidew dwar Patt għal Tkabbir u Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni f'livell nazzjonali, dak tal-

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] COM(2014) 407 finali.
[3] P7_TA(2014)0128 u P7_TA(2014)0129.

UE kif ukoll taż-Żona tal-Euro permezz tal-użu tal-għodod, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari li tesprimi impenn b'mod sħiħ sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Ewropa 2020 u jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(4) Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Estonja għall-2013 u wassal l-opinjoni tiegħu dwar il-programm ta' stabbiltà tal-Estonja aġġornat għall-2012-2017. Fil-15 ta' Novembru 2013, b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013[4], il-Kummissjoni ppreżentat l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Estonja għall-2014[5].

(5) Fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir[6], li jagħti bidu għas-Semestru Ewropew 2014 tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fl-istess ġurnata abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija[7], li fih l-Estonja ma kinitx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru għandu jitwettaq eżami mill-ġdid fil-fond.

(6) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet li jiżguraw stabbiltà finanzjarja, konsolidament fiskali u azzjoni biex jissaħħaħ it-tkabbir. Il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li jissokta l-konsolidament fiskali differenzjat u favur it-tkabbir, sabiex il-kundizzjonijiet ta' self għall-ekonomija jerġgħu lura għan-normal, jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, jiġu trattati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex l-amministrazzjoni pubblika tiġi mmodernizzata.

(7) Fit-8 ta' Mejju 2014, l-Estonja ppreżentat il-programm nazzjonali ta' riforma għall-2014 u fid-29 ta' April 2014 il-programm tagħha ta' stabbiltà għall-2014. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(8) L-objettiv tal-istrateġija baġitarja msemmi fil-Programm ta' Stabbiltà 2014 għandu jkun objettiv tat-terminu medju biex jibni bafers fiskali għal żminijiet diffiċili fl-ekonomija. Il-programm jikkonferma l-objettiv preċedenti tat-terminu medju tal-eċċess strutturali, li huwa aktar stringenti minn dak li jitlob il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid tal-Estonja huwa mistenni li jiddeterjora b'0,1 pp. tal-PDG fl-2014, għaldaqstant jiddevja mill-pjan ta' aġġustament mitlub, qabel ma l-PDG jittejjeb b'0,4 pp. fl-2015, u fl-2016-2017 jibqa' qrib il-bilanċ. Barra minn hekk, il-programm jindika riskju ta' devjazzjoni mill-valur referenzjarju tan-nefqa fl-2014 u riskju ta' devjazzjoni sinifikanti fl-2015. Inġenerali, il-pjan ta' aġġustament ippjanat lejn l-objettiv tat-terminu medju joħloq riskji fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ix-xenarju makroekonomiku sottostanti tal-previżjonijiet fiskali fil-programm, li għadu ma ġiex approvat minn entità indipendenti, huwa plawsibbli u b'mod ġenerali f'konformità mat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2014 tal-Kummissjoni. Skont it-Tbassir tal-Kummissjoni, id-defiċit strutturali huwa mistenni li jiddeterjora b'0,1 % tal-PDG fl-2014 li jwassal għal 0,3 % tal-PDG mqabbel mal-aġġustament meħtieġ u devjazzjoni sinifikanti meta vvalutat fuq sentejn. Fl-2015 il-Kummissjoni tbassar deterjorament ta' 0,2 % oħra fil-bilanċ strutturali li jindika devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament mitlub

[4] ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11.
[5] C(2013) 8002 finali.
[6] COM(2013) 800 finali.
[7] COM(2013) 790 finali.

qrib l-objettiv tat-terminu medju. Hija mistennija devjazzjoni sinifikanti wkoll fir-rigward tal-valur referenzjarju tan-nefqa matul l-2014-2015. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà 2014 u t-Tbassir tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament Nru 1466/97, l-opinjoni tal-Kunsill hija li hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv tat-terminu medju fl-2014 u l-2015. Ir-regola tal-bilanċ strutturali dwar il-konformità mat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza daħlet fis-seħħ permezz tal-Att dwar il-Baġit tal-Istat fit-23 ta' Marzu 2014, iżda r-regola għad trid tiġi kkumplimentata bit-tisħiħ tan-natura vinkolanti tal-miri tan-nefqa multiannwali.

(9) Fir-rigward tas-suq tax-xogħol, sar progress sostanzjali biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ u dak fit-tul. B'mod partikolari, il-miżuri li jipprovdu inċentivi għax-xogħol għal ħaddiema b'paga baxxa għandhom jingħataw importanza. Huwa meħtieġ li jsiru aktar sforzi sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas tal-forza tax-xogħol li dejjem qed jiżdied, inkluż ħruġ mis-suq tax-xogħol li jirriżulta mill-età u raġunijiet ta' saħħa u diżabilità. Għaldaqstant, l-adozzjoni f'waqtha u l-implimentazzjoni tar-Riforma tal-Kapaċità għax-Xogħol, filwaqt li tiġi żgurata disponibbiltà ta' servizzi ta' sostenn, huma rilevanti ħafna. Il-kosteffettività tan-nefqa tal-politika tal-familja tista' tittejjeb, inkluż permezz ta' riallokazzjoni tal-finanzjament mill-benefiċċji tal-ġenituri bħal servizzi għall-indukrar tat-tfal. Huwa mistenni li dan iwassal biex in-nisa jirritornaw qabel għas-suq tax-xogħol u jnaqqas id-differenza kbira u persistenti bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Jeħtieġ li l-isforzi biex jiġu promossi l-intraprenditorija u l-ħolqien tax-xogħol fir-reġjuni barra t-Tallinn u t-Tartu jiżdiedu sabiex jiġi evitat li d-differenzi ta' żvilupp ekonomiku jikbru u jitnaqqas il-qgħad, speċjalment fost il-ħaddiema bi ftit kompetenzi professjonali.

(10) Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, riċentament ġew adottati riformi biex l-edukazzjoni tkun konformi mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol. Aktar sforzi huma meħtieġa biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg. Sforzi sistematiċi huma meħtieġa, b'mod partikolari li jinvolvu sħab soċjali, biex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim ibbażat fuq xogħol, speċjalment apprendistat. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Tagħlim tul il-Ħajja tirrikjedi sforzi serji biex jiġi pprovdut titjib tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid, u livelli ta' kwalifiki, li huma meħtieġa ferm, speċjalment għal persuni f'pożizzjonijiet dgħajfa rigward is-suq tax-xogħol. Hemm qafas ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti li jinkludi l-Istrateġija dwar l-Intraprenditorija u t-Tkabbir u l-Istrateġija dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni b'enfażi fuq il-prijoritajiet kondiviżi filwaqt li l-oqsma tematiċi jkomplu jiġu speċjalizzati. L-isforzi għandhom jissoktaw lejn l-internazzjonalizzazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tas-sistema tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, minħabba d-daqs żgħir tal-ekonomija.

(11) L-intensità tar-riżorsi tal-Estonja tkompli tkun għolja ħafna. Sar progress biex tiġi indirizzata l-effiċjenza tal-enerġija tal-binjiet pubbliċi, iżda l-isforzi jeħtieġ li jiżdiedu u jiġu sostnuti, b'mod partikolari fis-setturi residenzjali u industrijali. Sar progress sostanzjali rigward l-immaniġġar tal-iskart u r-rimi f'miżbla, filwaqt li jeħtieġ li tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tar-riċiklaġġ. Miżuri fil-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport jeħtieġ li jkunu implimentati, b'mod partikolari, sabiex l-Estonja tkun tista' tikkontrolla l-emissjonijiet tas-CO_2 fis-settur mhux ETS. L-effiċjenza tal-enerġija tat-trasport tal-merkanzija tista' tittejjeb bl-użu ta' mezzi ta' trasport aktar sostenibbli. L-użu tat-trasport pubbliku jista' jkompli jiżdied permezz ta' tisħiħ tal-komplementarjetà tan-netwerks reġjonali u l-interkonnessjonijiet bejn it-trasport bil-kowċ u dak ferrovjarju tal-passiġġieri. L-użu tal-karozzi privati jiżdied, filwaqt li l-

età medja tal-flotta tal-karozzi tal-passiġġieri huwa kważi d-doppju tal-medja tal-UE u l-karozzi tal-passiġġieri ġodda huma fost l-aktar li jniġġsu l-arja fl-UE. Tisħiħ sostanzjali tal-inċentivi ambjentali, inkluż it-tassazzjoni, huwa meħtieġ. Filwaqt li ttieħdu passi sinifikanti fil-konnessjonijiet tal-enerġija transkonfinali, il-konnessjoni b'mod sħiħ tas-suq tal-enerġija tal-Estonja mal-UE tkun teħtieġ żmien u investiment.

(12) It-twessigħ tad-differenzi reġjonali flimkien mat-tendenzi demografiċi negattivi, innuqqas ta' effiċjenza kif ukoll kooperazzjoni fost il-gvernijiet lokali jxekkel il-potenzjal ta' żvilupp tal-Estonja. B'mod partikolari, il-provvediment ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità f'livell lokali jibqa' jirrappreżenta sfida, inkluż dawk mitluba bil-Liġi. Dan jirrifletti parzjalment l-ispariġġ persistenti bejn il-kapaċità fiskali u responsabbiltajiet devoluti f'muniċipalitajiet żgħar kif ukoll f'ekonomiji ta' skala limitata. L-għoti ta' servizzi aktar effiċjenti u aċċessibbli f'livell lokali, ibbażat fuq oqsma ta' servizzi u standards minimi ta' servizzi, speċjalment fit-trasport, kura fit-tul, edukazzjoni bikrija tat-tfal u servizzi soċjali, huwa prerekwiżit biex l-attivazzjoni u l-miżuri tas-suq tax-xogħol ikunu effettivi.

(13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Estonja. Il-Kummissjoni vvalutat il-programm ta' stabbiltà u l-programm ta' riforma nazzjonali. Hija ma kkunsidratx biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Estonja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa għat-tisħiħ tal-governanza ekonomika globali tal-Unjoni Ewropea billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE fid-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew jidhru fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) hawn taħt.

(14) Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà tal-Estonja, u l-opinjoni tiegħu[8] tidher b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

(15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro inġenerali. Abbażi ta' din l-analiżi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. L-Estonja għandha tiżgura wkoll li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fil-perjodu bejn l-2014-2015 l-Estonja tieħu azzjoni biex:

1. Issaħħaħ il-miżuri baġitarji għall-2014 sabiex tiġi evitata devjazzjoni sinifikanti fid-dawl tad-distakk emerġenti ta' 0,3 % tal-PDG abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni għall-2014, li jindika riskju tad-devjazzjoni sinifikanti mqabbel mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-2015, issaħħaħ b'mod sinifikanti l-istrateġija baġitarja biex tiżgura li tilħaq l-objettiv tat-terminu medju u tkomplih minn hemm 'il quddiem. Tikkumplimenta r-regola baġitarja b'aktar regoli ta' nefqa multiannwali vinkolanti fil-qafas baġitarju tat-terminu medju u tkompli ssaħħaħ l-effiċjenza tan-nefqa pubblika.

2. Ittejjeb l-inċentivi għax-xogħol permezz ta' miżuri mmirati għal ħaddiema b'paga baxxa. Tiffoka l-isforzi ta' attivazzjoni fuq dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi tiżgura l-adozzjoni u l-implimentazzjoni fil-ħin tar-riforma tal-kapaċità tax-xogħol. Iżżid l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-politika tal-familja filwaqt li ttejjeb id-diponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-indukrar tat-tfal. Tuża miżuri kkoordinati biex toħloq żvilupp ekonomiku u intraprenditorija fir-reġjuni li jiffaċċjaw livell għoli ta' qgħad.

[8] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

3. Tiżgura r-rilevanza tas-suq tax-xogħol tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ, ittejjeb il-livelli ta' ħiliet u l-kwalifiki billi żżid il-miżuri ta' tagħlim tul il-ħajja u żżid b'mod sistematiku l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż fl-apprentistat. Tkompli tintensifika l-prijoritizzazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni fis-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn in-negozji, l-istituzzjonijiet ogħla ta' edukazzjoni u riċerka biex tikkontribbwixxi għall-kompetittività internazzjonali.

4. Iżżid l-isforzi biex ittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija, b'mod partikolari fil-binjiet residenzjali u industrijali. Issaħħaħ sostanzjalment l-inċentivi ambjentali għas-settur tat-trasport biex tikkontribwixxi għal mobbiltà anqas intensiva fir-riżorsi. Tkompli l-iżvilupp tal-konnessjonijiet ma' Stati Membri ġirien biex tiddiversifika s-sorsi tal-enerġija u tkompli tippromwovi l-kompetizzjoni permezz ta' integrazzjoni msaħħa tas-swieq Baltiċi tal-enerġija.

5. Tibbilanċja aħjar id-dħul tal-gvern lokali mqabbel mar-responsabbiltajiet devoluti. Ittejjeb l-effiċjenza tal-gvernijiet lokali u tiżgura l-provvediment ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità f'livell lokali, speċjalment servizzi soċjali li jikkumplimentaw il-miżuri ta' attivazzjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President